# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 53**

**Rikors numru 677/21/1 CFS**

**Gordon Anthony Grixti**

**v.**

**L-Awtorità tad-Djar**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur Gordon Anthony Grixti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala l-appellant), minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fit-23 ta' Settembru, 2022, kif ukoll minn digriet kamerali mogħti mill-istess Qorti fil-5 ta' Awwissu 2022. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri huma dawn li ġejjin;

2. B'rikors maħluf tal-14 ta' Lulju 2021, l-appellant iddikjara li huwa l-inkwilin tal-fond bl-indirizz *'Block 2, Flat 2, Triq Sant Andrija, Valletta',* u li ilu jgħix hemmhekk għal żmien twil flimkien mas-sieħba u t-tifla tiegħu. Filwaqt li jagħmel referenza għall-ittra uffiċjali li ġiet mibgħuta lilu mill-Awtorità tad-Djar fis-6 ta' Jannar 2021 u dan fuq is-saħħa tal-Artikoli 9(1)(a) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta,[1] jgħid li huwa kkontesta l-effetti ta' dik l-ittra skont l-istess dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi ppreżenta rikors fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li jġib l-ismijiet ta' ***Gordon Anthony Grixti v. L-Awtorità tad-Djar*** (Rik. Nru. 3/2021CG). Jgħid li għandu jirriżulta li l-Awtorità tad-Djar mhijiex il-proprjetarja tal-fond in mertu u li qed iressaq din il-kawża peress li t-tali sottomissjoni ma tistax issir quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għaliex dak it-Tribunal ma jistax jeżamina kwistjonijiet dwar titolu. Fuq is-saħħa ta' dan kollu, l-appellant Gordon Anthony Grixti talab lill-Qorti sabiex:

> *"Tiddikjara li l-Awtorità intimata mhijiex proprjetarja assoluta tal-fond Block 2, Flat 2, Triq Sant'Andrija, Valletta u lanqas xi titolu ieħor li jagħtiha l-jedd tipproċedi biex titlob l-iżgumbrament tal-esponent mill-fond inkwistjoni;*
>
> *Bl-ispejjeż u l-konvenuti in subizzjoni".*

3. L-Awtorità tad-Djar laqgħet għall-azzjoni tal-appellant billi permezz ta' tweġiba maħlufa li tressqet fid-19 ta' Awwissu, 2021, ressqet għadd

[1] Dok. A, fol. 4.

ta' eċċezzjonijiet kemm ta' sura preliminari kif ukoll fil-mertu, u li jaqraw hekk:

> *"1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *2. Illi t-talba imressqa f'din il-kawża ġa kienet dibattuta u deċiża quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u dan b'sentenza datata 19 ta' Lulju 2021 (Rik 3/2021) - Dok HA1 – għalhekk dan il-każ ġa huwa res iudicata. It-Tribunal iddeċieda li l-Awtorità tad-Djar kienet sid u f'kull każ kienet ukoll ċertament tamministra dan il-fond. Din is-sentenza qiegħda pendente appell;*
>
> *3. Illi dwar l-eċċezzjoni tat-titolu, it-Tribunal iddeċieda hekk:*
>
> > *"Ikkunsidra:*
> >
> > *Illi t-Tribunal se jibda biex jissorvola l-kwistjoni tat-titolu tal-proprjetà in kwistjoni.*
> >
> > *Illi fil-fehma tat-Tribunal, Martin Bajada, ta spjegazzjoni ċara tat-titolu li għandu l-Gvern ta' Malta fuq l-istess fond.*
> >
> > *Illi t-Tribunal jinnota li kien biss f'dawn il-proċeduri illi r-rikorrenti qajmu dubju fuq it-titolu li għandu l-Gvern u dan wara li għal għexieren ta' snin z-zijiet tar-rikorrent ħallsu l-kera lill-Awtorità tal-Artijiet jew lill-Awtorità tad-Djar jew il-predeċessuri tagħhom mingħajr ebda problemi. Lanqas ir-rikorrent ma ġieh dan id-dubju meta talab li jiġi rikonoxxut bħala l-inkwilin tal-fond in kwistjoni.*
> >
> > *Illi għalhekk dan it-Tribunal, wara li qies ix-xiehda u d-dokumenti sottomessi minn Martin Bajada huwa tal-fehma illi ma hemmx dubju illi l-fond in kwistjoni huwa proprjetà tal-Gvern. Però, anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, kellu jeżisti tali dubju, ċertament illum il-ġurnata l-Gvern akkwista l-istess fond permezz tal-preskrizzjoni akwiżittiva".*
>
> *4. Illi l-attur mhux qed jallega li huwa s-sid tal-proprjetà mertu tal-kawża u għalhekk din mhux kawża rei vindicatoria – u b'hekk l-attur ma għandu ebda interess ġuridiku fil-kawża u fit-talbiet kif impostati;*
>
> *5. Illi l-attur qatt ma kien rikonoxxut bħala inkwilin tal-fond mertu tal-kawża u għalhekk l-ewwel premessa attriċi li fuqha hi bażata l-kawża hija skorretta;*
>
> *6. Illi l-attur fil-premessi tiegħu jgħid li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jistax jidħol biex jeżamina materji ta' titolu. Dan huwa ukoll skorrett. Referenza issir għad-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva Alexander Attard v Awtorità tad-Djar – 16/08/2019. Dok HA2. F'dik il-kawża t-Tribunal ħass li ma kellux kompetenza ratione*

*materiae dwar titolu ta' immobbli, hi bagħtet l-atti quddiem il-Prim Awla biex tiddeċiedi dwar it-titolu. L-imħallef Toni Abela bagħat l-atti quddiem il-Qorti tal-Appell biex tiddeċiedi hi. U il-Qorti tal-Appel (Superjuri) tat id-digriet anness. Li b'mod ċar jindika li it-Tribunal għandu kompetenza ratione materiae anke f'dan il-qasam;*

*7. Illi għalhekk it-talba attriċi hija waħda frivola u li ġiet ġa deċiża mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva;*

*8. Illi intant dwar titolu l-esponenti titlob li jiġi allegat ma' dan il-proċess, kopja sħiħa tal-proċess fl-ismijiet Gordon Anthony Grixti et v. Awtorità tad-Djar Rik 3/21 ĊG – deċiża mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fid-19 ta' Lulju 2021 li jinsab quddiem il-Qorti tal-Appell. Id-dokumenti u xhieda mogħtija hemm ġa kienu biżżejjed biex jipperswadu lill-Maġistrat li l-Awtorità esponenti għandha titolu fuq dan il-fond;*

*9. Illi intant però, anke kieku għal grazzja tal-argument l-Awtorità m'għandhiex tali titolu huwa evidenti li għandha xorta l-jedd li titlob għall-iżgumbrament tal-attur mill-fond de quo;*

*10. Illi l-attur erronjament jaqbad u jżid ir-rekwiżit tat-titlu bħala wieħed mill-elementi sabiex isir żgumbrament taħt Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-argument huwa totalment żbaljat stante li Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta titlob li Awtorità li qed tagħmel żgumbrament ikollha titlu jew amministrazzjoni. Fil-fatt artiklu 2 tal-istess Att jiddefinixxi "awtorità" jew "awtorità kompetenti" bħala:*

> *"l-Awtorità tal-Artijiet stabbilita skont l-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet jew kull persuna jew entità oħra li bil-liġi jew b'kuntratt hija fdata li tamministra art tal-Gvern;" (enfasi miżjuda mill-appellata)*

*L-attur qiegħed jagħżel li jiffoka l-argument tiegħu fuq it-titlu tal-proprjetà u jinjora kompletament il-fatt li amministrazzjoni hi biżżejjed biex l-Awtorità tad-Djar teżegwixxi żgumbrament. L-Awtorità tad-Djar qatt ma qalet li hi għandha proprjetà tal-fond iżda li għandha amministrazzjoni, li kif preżentat mill-provi miġjuba mill-Awtorità tad-Djar fil-kawża quddiem it-Tribunal toħroġ minn żewġ fatturi – il-funzjonijiet tal-Awtorità tad-Djar li talloka postijiet tal-Gvern għall-akkomodazzjoni soċjali u wkoll artiklu 24 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar li jgħid:*

> *"(1) B'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, id-drittijiet, obbligi, funzjonijiet u assi kollha li qabel kienu jappartjenu lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali għandhom, bis-saħħa ta' dan l-Att, u bla ebda assikurazzjoni ulterjuri, jiġu trasferiti lil, u jkunu vestiti fl-Awtorità taħt l-istess titolu u awtorità li bihom kienu vestiti fid-Direttur minnufih qabel dik il-ġurnata.*
>
> *(2) Dak it-trasferiment għandu jkun estiż għat-totalità ta' dawn l-assi, drittijiet u obbligi u għandu jinkludi artijiet, xogħlijiet u proprjetà oħra,*

*mobbli u immobbli, setgħat, privileġġi u kawżi ta' azzjoni miżmumin jew li jitgawdew f'konnessjoni magħhom jew li jappartjenu lilhom".*

*11. Illi kif anke xehdet rappreżentanta tal-Awtorità tad-Djar fis-seduta datata 24 ta' Mejju 2021 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, fil-file tal-propjetà inkwistjoni hemm parti minn kuntratt ta' lokazzjoni li juri li dan il fond kien ġie allokat mis-Segretarju tad-Djar u allura, prova oħra li dan jaqa' taħt l-amministrazzjoni tal-Awtorità tad-Djar;*

*12. Illi huwa prinċipju bażiku fil-proċedura legali li onus probandi actori incumbit iżda minkejja l-allegazzjonijiet li għamel l-attur baqa' qatt ma ġab prova ta' dak allegat minnu (u ċjoé li l-fond mhux tal-Gvern Malti – ġab biss ittra waħda li saret minn uffiċjal li kien jaħdem l-Awtorità tad-Djar li qed titkellem fuq fond separat li lanqas hu dak il-fond mertu tal-kawża odjerna);*

*13. A kuntrarju ta' dan, il-provi miġjuba mill-Awtorità tad-Djar kienu suffiċjenti biex jippruvaw li hi għandha amministrazzjoni u li allura tissodisfa r-rekwiżiti ta' Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta għax għandha l-amministrazzjoni tal-fond inkwistjoni u ċjoé Block 2 Flat 2 u saħansitra marret oltre u kif anke ġie ben tajjeb pruvat mill-uffiċjal tal-Awtorità tal-Artijiet prodott bħala xhud tal-Awtorità tad-Djar, wriet li l-Gvern ta' Malta għandu titlu, li għalhekk dan ixejjen kwalunkwe allegazzjoni fiergħa u bla bażi li saret mill-attur;*

*14. Illi bażi ta' dan kollu t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-interità tagħhom*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur inġunt għas-subizzjoni.»*

4. L-istadju tal-ġbir tal-provi ngħalaq fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2022, u f'dik is-seduta l-avukati tal-attur talbu żmien sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet;[2]

5. Jirriżulta li flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet, l-attur hemeż kopja informali ta' petizzjoni li kienet imressqa fil-Parlament,[3] u dan

[2] Ara verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju, 2022, Fol. 205.
[3] Dok. P.

sabiex isostni dak li qal fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar tal-istess nota ta' sottomissjonijiet;[4]

6. Dan il-fatt ma niżel xejn tajjeb mal-Awtorità konvenuta, u fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha talbet lill-Qorti sabiex tisfilza dak id-dokument mill-atti tal-kawża. L-Awtorità argumentat li ġaladarba dak id-dokument ġie preżentat fi stadju meta l-ġbir tal-provi kien diġà magħluq, allura hija ma setgħetx tagħmel domandi jew tressaq provi dwar dak id-dokument, u b'hekk dak id-dokument ma kellux jitħalla fl-atti tal-kawża;[5]

7. B'digriet mogħti fil-5 ta' Awwissu, 2022, l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz ta' dak id-dokument li kien jinsab f'paġni 214 sa 219 tal-atti tal-kawża, u dan fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet:[6]

> *"Rat li r-rikorrent hemeż xi dokumenti, f'paġni 214 sa 219 tal-atti tal-kawża, biex dawn jitqiesu bħala prova flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tal-1 ta' Ġunju, 2022;*
>
> *Tqis li l-istadju tal-ġbir tal-provi kien ġie ddikjarat bħala magħluq fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Mejju, 2022 (ara paġni 205 sa 206 tal-atti tal-kawża);*
>
> *Illi r-rikorrent ma talabx għall-awtorizzazzjoni ta' din il-qorti biex ikun jista' jippreżenta dawn id-dokumenti wara l-għeluq tal-istadju tal-provi u barra minn hekk, jirriżulta min-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità tad-Djar imressqa fis-6 ta' Lulju, 2022, li din mhijiex qiegħda tagħti l-kunsens tagħha biex dawn id-dokumenti ġodda jitħallew fl-atti ta' din il-kawża bħala parti mill-provi;*
>
> *Tassew ir-rikorrent ma jistax mingħajr il-barka tal-qorti jew mingħajr il-kunsens tal-kontro-parti, jaqbad u jippreżenta dokumenti man-nota ta'*

[4] Fol 212-213.
[5] Fol. 224.
[6] Fol. 225-226.

*sottomissjonijiet tiegħu, meta l-kawża tkun fl-istadju meta l-ġbir tal-provi jkun magħluq u l-kawża tkun saħanistra mħollija għas-sentenza (ara Edwin Vella nomine v. Maria Theresa Attard deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2003);*

*Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-qorti qiegħda tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex ineħħi d-dokumenti li jinsabu f'paġni 214 sa 219 tal-atti tal-kawża ladarba dawn ġew ippreżentati mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti u/jew il-kunsens tal-kontro-parti;*

*Kopja ta' dan id-digriet għandu jiġi notifikat b'mod elettroniku lill-avukati tal-partijiet.*

*Digriet kamerali mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022".*

8. B'sentenza mogħtija fl-udjenza tat-23 ta' Settembru, 2022, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi laqgħet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Awtorità tad-Djar u ħelset lill-istess Awtorità mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex sabet li l-azzjoni tal-appellant hija milquta bil-ġudikat maħluq bis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, mogħtija fid-19 ta' Lulju 2021, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-11 ta' Mejju 2022. L-Ewwel Qorti laqgħet ukoll is-seba' eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta u minbarra li ordnat lill-attur sabiex ibati l-ispejjeż kollha tal-kawża, ikkundannatu sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, spejjeż addizzjonali ta' tmien mitt ewro (€800) u dan fuq is-saħħa tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'żieda ma' dan kollu, l-Ewwel Qorti laqgħet ukoll is-sitt eċċezzjoni tal-Awtorità tad-Djar u sabet li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu s-setgħa bil-liġi li jistħarreġ jekk l-awtorità governattiva li tkun tat deċiżjoni ta' żgumbrament taħt il-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta,

għandhiex titolu ta' proprjetà jew jedd ta' amministrazzjoni fuq dak il-ġid li dwaru tkun qed titlob żgumbrament;

9. Il-konsiderazzjonijiet li fuq is-saħħa tagħhom l-Ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni huma dawn li ġejjin:

> *"15. B'din il-kawża Gordon Anthony Grixti qiegħed ifittex li jikseb dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-Awtorità tad-Djar m'għandhiex setgħa li titlob l-iżgumbrament tiegħu mill-appartament tal-Belt Valletta għaliex skontu dan l-appartament mhuwiex ġid tal-Awtorità tad-Djar;*
>
> *16. L-ewwel linja ta' difiża li ġiet imressqa mill-Awtorità tad-Djar kontra din il-kawża hija l-eċċezzjoni tal-ġudikat, kif imfissra fit-tieni u fit-tielet paragrafu tar-risposta maħlufa. L-Awtorità tad-Djar tisħaq li din il-qorti ma tistax tiddeċiedi din il-kawża għaliex din l-istess tilwima bejn il-partijiet ġa ġiet deċiża mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u issa anke mill-Qorti tal-Appell;*
>
> *17. L-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk din tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija (ara Conris Pace Rivans et v. Franco Rivans et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April, 2014). Jekk dan ma jsirx, dan in-nuqqas iġib in-nullità tas-sentenza stess (ara Paolo Azzopardi v. Paolo Abela noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Diċembru, 1954, Raphael Micallef v. Anthony Aġius deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 1997, Care Services Limited v. Mario Muscat et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Novembru, 2009 u Mario Tonna v. Edwin Camilleri nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Diċembru, 2009);*
>
> *18. Il-ġudikat hija meqjusa bħala eċċezzjoni perentorja għaliex hija waħda li jekk tinstab li hija mistħoqqa toqtol il-kawża (ara Sunspot Tours Limited v. C.H. Caterers Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2003);*
>
> *19. Huwa xieraq għalhekk li din il-qorti tibda billi tqis l-ewwel din l-exceptio judicatae għaliex jekk tinstab li din hija tajba, allura l-qorti ma jkollhiex għalfejn toqgħod tistħarreġ il-mertu tal-ilment;*
>
> *20. Għal dawk li huma prinċipji u effetti marbuta mal-exceptio judicatae, ġie mtenni fid-deċiżjoni antika fl-ismijiet, Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-5 ta' Novembru, 1934 li,*

*«L-'exceptio rei judicatae' għandha bħala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll għaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li għaddiet 'in giudicato', jiġifieri li ma tista tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jiġifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija strictissimae interpretationis»*

*21. L-għan wara l-eċċezzjoni tal-ġudikat hija li tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew imfissra f'sentenza (ara Dottor Josè Herrera noe v. Anthony Cassar noe et deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1992) biex b'hekk titbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u ttemm il-possibilità ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat (ara Caterina Ġerada et v. Avukat Antonio Caruana deċiża fit-28 ta' Ġunju, 1973). Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Sharon Żahra v. Stefan Żahra deċiża fid-29 ta' Jannar, 2016, l-iskop tal-prinċipju tar-res iudicata hu evidenti u ċioè li l-leġislatur ħass li ma jistax ikun hemm stat ta' inċertezza indefinita fejn jidħlu kwistjonijiet ta' drittijiet miksuba wara proċess ġudizzjarju;*

*22. Fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, din tiġi kkonfermata. Wara kollox, mhux sew li xi ħadd jipproponi l-istess kawża biex imewwet deċiżjoni preċedenti billi jġib 'il quddiem raġunijiet jew provi li kien jaf bihom, jew li seta' u messu ġieb fil-kors tal-proċess l-ieħor (ara Joseph Portelli v. Joseph Stellini et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015);*

*23. L-istess pożizzjoni ġiet mħaddna wkoll f'Agrokompleks v. L-Ukrajna, deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Ottubru, 2011 (rikors nru 23465/2003) fejn ingħad,*

*«The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds for re-examination»;*

*24. Ġudikat jagħmel stat għal kull effett tal-liġi bejn il-partijiet, il-werrieta u l-aventi causa tagħhom. Kemm hu hekk, meta tingħata sentenza, is-saħħa tagħha tgħodd u tibqa' torbot ukoll għaż-żmien ta' wara li tkun ingħatat (ara Ines Calleja et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-5 ta' Ġunju, 2014 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu, 2015);*

*19. Huwa xieraq għalhekk li din il-qorti tibda billi tqis l-ewwel din l-exceptio judicatae għaliex jekk tinstab li din hija tajba, allura l-qorti ma jkollhiex għalfejn toqgħod tistħarreġ il-mertu tal-ilment;*

*20. Għal dawk li huma prinċipji u effetti marbuta mal-exceptio judicatae, ġie mtenni fid-deċiżjoni antika fl-ismijiet, Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-5 ta' Novembru, 1934 li,*

> *«L-'exceptio rei judicatae' għandha bħala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll għaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li għaddiet 'in giudicato', jiġifieri li ma tista tappella minnha iżjed, hija miżmuma bħala tajba u sewwa u tal-ħaqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jiġifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u għalhekk hija strictissimae interpretationis»*

*21. L-għan wara l-eċċezzjoni tal-ġudikat hija li tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew imfissra f'sentenza (ara Dottor Josè Herrera noe v. Anthony Cassar noe et deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1992) biex b'hekk titbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u ttemm il-possibilità ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat (ara Caterina Ġerada et v. Avukat Antonio Caruana deċiża fit-28 ta' Ġunju, 1973). Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Sharon Żahra v. Stefan Żahra deċiża fid-29 ta' Jannar, 2016, l-iskop tal-prinċipju tar-res iudicata hu evidenti u ċioè li l-leġislatur ħass li ma jistax ikun hemm stat ta' inċertezza indefinita fejn jidħlu kwistjonijiet ta' drittijiet miksuba wara proċess ġudizzjarju;*

*22. Fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, din tiġi kkonfermata. Wara kollox, mhux sew li xi ħadd jipproponi l-istess kawża biex imewwet deċiżjoni preċedenti billi jġib 'il quddiem raġunijiet jew provi li kien jaf bihom, jew li seta' u messu ġieb fil-kors tal-proċess l-ieħor (ara Joseph Portelli v. Joseph Stellini et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015);*

*23. L-istess pożizzjoni ġiet mħaddna wkoll f'Agrokompleks v. L-Ukrajna, deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Ottubru, 2011 (rikors nru 23465/2003) fejn ingħad,*

> *«The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds for re-examination»;*

*24. Ġudikat jagħmel stat għal kull effett tal-liġi bejn il-partijiet, il-werrieta u l-aventi causa tagħhom. Kemm hu hekk, meta tingħata sentenza, is-saħħa tagħha tgħodd u tibqa' torbot ukoll għaż-żmien ta' wara li tkun ingħatat (ara Ines Calleja et v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-5 ta' Ġunju, 2014 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu, 2015);*

*25. Kif imtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Charles Steven Muscat v. Avukat Ġenerali deċiża fit-13 ta' Lulju, 2018, «Bdil fil-ġurisprudenza ma hijiex raġuni għala l-eċċezzjoni ma tintlaqax; ma jistgħux jerġgħu jinfetħu kawżi li ilhom magħluqa għax ikun hemm bdil fil-ġurisprudenza»;*

*26. Tassew jgħodd xorta waħda l-element tal-ġudikat fejn, wara l-għoti ta' sentenza li saret ġudikat, tinbidel il-ġurisprudenza dwar liġi li tkun tqieset f'dik is-sentenza (ara Matthew Lanzon v. Kummissarju tal-Pulizija deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-11 ta' Novembru, 2011 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Frar, 2013);*

*27. Mhux dan biss, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll illi fil-ġurisprudenza tagħna nsibu mtenni li l-ġudikat jifforma ruħu mhux biss dwar dak li ġie diskuss espressament fis-sentenza, imma anki ta' dak li messu ġie diskuss mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eċċezzjonijiet tagħha (ara inter alia Carmelo Bonello v. Onor. Edgar Cuschieri nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Marzu, 1950, Carmelo Panzavecchia v. Constantino Caruana deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Ġunju, 1956, Joseph Camilleri v. Lilian Mallia deċiża mill-Qorti tal-Appell fil- 5 ta' Ottubru, 1998, Adrian Busietta nomine v. Mario Attard nomine, Qorti tal-Appell, 9 ta' Frar, 2001 u John Camilleri v. Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Jannar 2013);*

*28. Tassew hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anke meta l-mertu tal-kawża, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess. Hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja ta' dispożizzjoni espressa billi l-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderazzjonijiet tas-sentenza (ara Nobbli Pasquale Waldemar dei Baroni Sciberras Trigona v. Oscar Sammut nomine, Appell Ċivili tal-25 ta' April, 1938 u Eugenio Borg nomine v. Saverio Farrugia, Appell Ċivili tal-31 ta' Mejju, 1952);*

*29. Huwa magħruf li biex tista' tiġi aċċettata eċċezzjoni tal-ġudikat hemm bżonn li jintwerew tliet affarijiet, viz. li l-ewwel u t-tieni kawża jkunu: (i) bejn l-istess persuni (eadem personae); (ii) fuq l-istess oġġett (eadem res); u (iii) dwar l-istess raġunijiet jew tilwima (eadem causa petendi) (ara Anna Magro et v. Emanuela Psaila nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002 u Alfred Lanzon et v. Charles Żammit Cordina deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Jannar, 2009);*

*30. Imħaddem dan kollu għall-każ inkwistjoni, meta jiġu mqabbla l-proċeduri bin-numru 3/21CG deċiżi mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mill-Qorti tal-Appell u dawn il-proċeduri bin-numru 677/2021 li qed jinstemgħu issa minn din il-qorti, joħroġ bil-bosta evidenti f'għajnejn il-qorti, mingħajr wisq għarbiel, li dawn iż-żewġ proċeduri huma tista' tgħid l-istess ħaġa;*

*31. Iż-żewġ proċeduri saru: (i) bejn l-istess partijiet viz. bejn Gordon Anthony Grixti u l-Awtorità tad-Djar; (ii) jinvolvu l-istess oġġett, viz. l-appartament numru 2, fi Blokk 2 ġewwa Triq Sant'Andrija, il-Belt Valletta; u (iii) fihom ukoll l-istess talbiet, jiġifieri talba għal dikjarazzjoni li l-Awtorità tad-Djar m'għandhiex jedd li tmexxi bl-iżgumbrament;*

*32. Il-fatt waħdu li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u l-Qorti tal-Appell fis-sentenzi tagħhom ma laqgħux it-talbiet ta' Gordon Anthony Grixti ma jnaqqas xejn mill-fatt li bejnu u l-Awtorità tad-Djar jeżisti ġudikat li jorbot u li ma jistax jiġi mibdul. Wara kollox il-ġudikat ma jiddependix mir-riżultat finali tal-proċeduri iżda jiddependi minn dak li kellu jiġi deċiż. Fil-każ tagħna kemm fl-ewwel proċeduri bin-numru 3/21CG u kif ukoll fit-tieni proċeduri bin-numru 677/2021, Gordon Anthony Grixti kien qiegħed ifittex dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-Awtorità tad-Djar ma kellhiex il-leġittimazzjoni attiva sabiex tissokta bl-iżgumbrament tiegħu mill-appartament ġewwa l-Belt Valletta;*

*33. Ladarba din il-kwistjoni ġa ġiet deċiża mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mill-Qorti tal-Appell fl-ewwel proċeduri bin-numru 3/21CG, lil hemm minn kif din il- kwistjoni nqatgħet fl-ewwel azzjoni, din it-talba ma setgħetx terġa' tiġi deċiża mill-ġdid f'kawża oħra. Li kieku l-ġudikat jiddependi minn kif tinqata' l-kawża allura naslu fir-realtà assurda li kull min jitlef kawża jkollu dritt jerġa' jiftaħha mil-ġdid. Din però hija propożizzjoni antiġuridika għall-aħħar li tmur kontra l-prinċipju li interest rei publicae ut sit finis litium;*

*34. Ġaladarba tajjeb jew ħażin il-ġudikat tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell, diġà ddetermina l-ilment dwar jekk l-Awtorità tad-Djar għandhiex jedd li tkeċċi lir-rikorrent mill-appartament fil-Belt, l-istess kwistjoni ma tistax terġa' tiġi mistħarrġa bi proċedura ġdida biex isir rivalutazzjoni tal-istess punt;*

*35. Din il-qorti ma tistax tintuża biex twaqqa' jew tbiddel sentenza dwar tilwima bejn il-partijiet li ġa ġiet deċiża. Tabilħaqq ir-rikorrent ma jistax jinqeda b'din il-kawża biex forsi jikseb riżultat differenti minn dawk li kiseb jew li seta' jikseb mill-proċeduri 3/21CG;*

*36. L-argument imbagħad li r-rikorrent kellu bilfors jiftaħ din il-kawża għaliex skontu t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u l-Qorti tal-Appell m'għandhomx jedd li jistħarrġu jekk l-Awtorità tad-Djar kellhiex titlu validu fuq l-appartament inkwistjoni biex tissokta bl-iżgumbrament, huwa argument fieragħ kemm jista' jkun. Anzi huwa ċar illi r-rikorrent qiegħed hawnhekk jipprova biss jitfa' l-bżar fl-għajnejn;*

*37. Wieħed mill-għanijiet ewlenija wara d-dħul fis-seħħ tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta huwa li jiġi provdut mekkaniżmu legali u ġudizzjarju ħafif u f'qasir żmien biex il-Gvern ta' Malta jkun jista' jieħu lura postijiet tiegħu, li fil-fehma tiegħu jkunu qegħdin jinżammu minn persuni li ma ħaqqhomx iżommu dawk il-postijiet. Kif anke jixhed l-isem stess tal-Kap*

*573 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-liġi tapplika meta l-ġid inkwistjoni jkun art tal-Gvern. Huwa ovvju għalhekk li biex il-Gvern ta' Malta, permezz ta' xi entità governattiva tiegħu, bħalma hija l-Awtorità tad-Djar, ikun jista' jipproċedi għal żgumbrament skont il-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, hemm bżonn li dak il-ġid ikun proprjetà jew ikun taħt l-amministrazzjoni tal-Gvern ta' Malta. Hekk ukoll huwa ovvju li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u l-Qorti tal-Appell għandhom is-setgħa li jistħarrġu jekk l-iżgumbrament deċiż mill-awtorità governattiva jolqotx ġid li huwa fil-patrimonju jew fl-amministrazzjoni tal-Gvern ta' Malta;*

*38. Tkun tassew farsa legali, jekk kif donnu qed jippretendi Gordon Anthony Grixti, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u/jew il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), qabel jiddeċiedu kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' żgumbrament minn art tal-Gvern skont il-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, iridu joqgħodu l-ewwel jistennew lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u/jew lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri) biex jiddikjaraw li l-Gvern ta' Malta għandu titlu fuq il-post fejn qed jintalab l-iżgumbrament. F'dan is-sens għalhekk il-qorti taqbel mas-sitt eċċezzjoni tal-Awtorità tad-Djar;*

*39. Bil-ħniena għandu għalfejn jingħad, ir-rieda tal-leġislatur hija li t-tilwima kollha marbuta ma' kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' żgumbrament minn art tal-Gvern għandha tinstema' fi proċedura waħda mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u/jew mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri). M'hemmx għalfejn jinfetħu proċeduri oħra jew jiġu involuti qrati oħra. Ifisser għalhekk li deċiżjoni ta' żgumbrament meħuda taħt il-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta tista' dejjem tiġi kkontestata quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u wara quddiem il-Qorti tal-Appell, fuq il-bażi li l-awtorità kompetenti li ssoktat bl-iżgumbrament f'isem il-Gvern ta' Malta, ma kellhiex setgħa li tmexxi bl-iżgumbrament minħabba li l-ġid inkwistjoni mhuwiex ġid tal-Gvern jew amministrat minnu;*

*40. Kemm hu hekk, fil-każ tal-lum kemm it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u kif ukoll il-Qorti tal-Appell fil-proċeduri 3/21CG eżaminaw l-ilment ta' Gordon Anthony Grixti dwar jekk l-appartament inkwistjoni kienx tal-Gvern u t-tnejn li huma sabu li dan l-appartament huwa tassew ġid tal-Gvern;*

*41. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-qorti qiegħda taqbel mat-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità tad-Djar, li t-talba ta' Gordon Anthony Grixti f'din il-kawża ma tistax tingħata widen, minħabba li bejn il-partijiet ġa hemm ġudikat finali li jagħlaq it-tilwima ta' bejniethom;*

*42. Fl-aħħar nett, din il-qorti qiegħda taqbel ukoll mas-seba' eċċezzjoni tal-Awtorità tad-Djar li din l-azzjoni mnedija minn Gordon Anthony Grixti hija waħda għalkollox fiergħa ladarba kien hemm il-proċeduri 3/21CG fuq l-istess kwistjoni. Tassew il-qorti temmen li din il-kawża nbdiet biss ħamest ijiem qabel ma nqatgħet il-kawża fil-proċeduri 3/21CG mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, sabiex Gordon Anthony Grixti*

*jipprova jfixkel dawk il-proċeduri, u ħalli kemm jista' jkun itawwal l-okkupazzjoni tiegħu fl-appartament inkwistjoni. Minħabba f'hekk il-qorti sejra tipprovdi dwar dan fil-kap tal-ispejjeż;"*

10. L-attur la qabel ma' din is-sentenza u lanqas mad-digriet kamerali tal-5 ta' Awwissu, 2022 (ara paragrafu 7 ta' din is-sentenza) u b'rikors tal-appell li tressaq fil-11 ta' Ottubru 2022 qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> *i) "Tħassar, tirrevoka u tikkanċella kemm id-digriet fl-ismijiet premessi mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef C. Falzon Scerri fil-5 ta' Awwissu 2022 fejn l-ewwel Qorti ordnat l-isfilz tad-dokumenti esebiti bħala 'Dok P' man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant u konsegwentement tammetti fl-atti l-istess dokumenti; u*
>
> *ii) Tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fl-ismijiet premessi deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef C. Falzon Scerri fit-23 ta' Settembru, 2022, u konsegwentement tilqa' t-talba attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità appellata".*

11. B'risposta mressqa fid-19 ta' Ottubru 2022, l-Awtorità appellata wieġbet għall-appell ta' Grixti billi għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija minnha talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell u dan bl-ispejjeż kontra l-istess appellant;

12. B'rikors tal-11 ta' Jannar 2023, l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex fiċ-ċirkostanzi tappunta dan l-appell b'urġenza;

13. B'digriet kamerali tat-12 ta' Jannar, 2023, il-Qorti ċaħdet dan ir-rikors għar-raġuni li mill-għarbiel tal-atti ma rriżultax li hemm lok li jsir smigħ bil-fomm u minflok il-Qorti qieset li tista' timxi fuq il-miktub sabiex tasal għas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli;

14. Peress li l-fażi tal-proċedura bil-miktub ingħalqet u kif diġà ntqal il-Qorti ma tirriżultalhiex il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, il-Qorti ser tkun qed tgħaddi minnufih għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

15. L-appellant qiegħed issejjes l-appell tiegħu fuq is-saħħa ta' ħames aggravji li fil-qosor ħafna jistgħu jinġabru hekk:

a) Li l-Ewwel Qorti ma kienx messha ddeċidiet is-sitt eċċezzjoni ġaladarba dehrilha li kellha tilqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

b) Li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

c) Li l-Ewwel Qorti ma qisitx li l-Awtorità appellata tħalliet teżegwixxi deċiżjonijiet li jippreġudikaw il-jeddijiet ta' terzi li ma kinux parti mill-kawża;

d) Li l-Ewwel Qorti żbaljat meta fid-digriet kamerali tal-5 ta' Awwissu 2015 iddeċidiet li tisfilza d-dokument li ġie anness flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant;

e) Li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundanna lill-appellant iħallas spejjeż addizzjonali għaliex ma jirriżultawx iċ-ċirkustanzi kontemplati fil-liġi sabiex il-kawża tiġi dikjarata vessatorja;

16. Stabbilit dan, il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tistħarreġ l-aggravji tal-appellant, u dan fl-istess ordni li ġew imqajma fir-rikors tal-appell;

17. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** l-appellant jilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tilqa' <u>s-sitt eċċezzjoni</u> tal-Awtorità appellata. Skont l-appellant din l-eċċezzjoni hija dwar it-titolu li tippretendi li għandha l-Awtorità appellata, u ġaladarba l-Ewwel Qorti dehrilha li l-azzjoni tiegħu kienet milquta bil-ġudikat, allura dik il-Qorti kellha tieqaf hemm u mhux tilqa' wkoll is-sitt eċċezzjoni li hija fil-mertu;

18. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-aggravju u jidhrilha li l-appellant jew ma qarax sewwa s-sitt eċċezzjoni jew inkella ma fehemhiex. Dan qed jintqal, għaliex b'kuntrast għal dak li qed jgħid l-appellant, din l-eċċezzjoni mhijiex dwar *"it-titolu li qed tippretendi li għandha l-Awtorità appellata",* iżda hija dwar l-argument tal-Awtorità appellata li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwa kompetenti sabiex jeżamina materji dwar titolu ta' proprjetà sa fejn għandu x'jaqsam mal-ġid li dwaru l-istess Awtorità tkun qed titlob l-iżgumbrament. Fil-fehma tal-Qorti, din l-eċċezzjoni timxi id f'id mal-eċċezzjoni tal-ġudikat u dan għaliex li kieku l-

appellant għandu raġun li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mhuwiex kompetenti sabiex jiddeċiedi kwistjonijiet bħal dawk, allura dan kien ifisser li d-deċiżjoni ta' dak it-Tribunal sa fejn għandu x'jaqsam mal-preġudizzjali dwar it-titolu tal-proprjetà ma kinitx tiswa,[7] u b'hekk ma seta' jkun hemm qatt ġudikat dwar dik il-kwistjoni. L-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud;

19. It-**<u>tieni aggravju</u>** huwa mbagħad dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li tilqa' <u>t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet</u> tal-Awtorità appellata u ssib li l-azzjoni tal-appellant hija milquta bil-ġudikat maħluq bis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, mogħtija fid-19 ta' Lulju 2021, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-11 ta' Mejju 2022. F'dan ir-rigward, l-appellant jargumenta li kemm l-element tal-*'eadem res'* kif ukoll dak tal-*'eadem causa petendi'* ma ġewx sodisfatti u b'hekk ma seta' qatt ikun hemm ġudikat;

20. Sa fejn għandu x'jaqsam mal-element tal-*'eadem res',* l-appellant jgħid li t-talbiet fil-kawża deċiża huma differenti minn dawk tal-kawża tal-lum. Jispjega li filwaqt li l-proċeduri li ġew mibdija quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kienu dwar ir-revoka ta' ordni ta' żgumbrament u dan skont il-proċedura kontemplata fil-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta,

---

[7] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Avukat Dr. Edward Fenech Adami nomine v. Arsemis Christos nomine,*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' April, 1972 u li fiha fost l-oħrajn intqal hekk: *"Where a Court takes it upon itself to exercise a jurisdiction which it does not possess its decision amounts to nothing **(G. Halsbury's Laws (3rd Edit.) 350, 359)**"*

min-naħa l-oħra t-talba f'din il-kawża hija waħda sempliċiment dikjaratorja u li fiha qed jargumenta li l-Gvern m'għandu l-ebda titolu fil-proprjetà mertu tal-proċeduri;

21. Dwar ir-rekwiżit tal-*'eadem causa petendi'* l-appellant imbagħad jissottometti li dan l-element lanqas seta' jitqies sodisfatt għaliex il-bażi legali li fuqha huma msejsa t-talbiet hija differenti. Jispjega li filwaqt li l-azzjoni l-oħra kienet ibbażata fuq il-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta u li fiha t-Tribunal kellu jeżamina jekk l-ordni ta' żgumbrament għandhiex bażi legali, min-naħa l-oħra, din il-kawża hija msejsa fuq il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

22. B'żieda ma' dan kollu, l-appellant jerġa' jqajjem l-argument li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma setax jidħol fi kwistjonijiet dwar it-titolu tal-proprjetà, u dan għaliex skont l-appellant, it-Tribunal m'għandux poter bil-liġi biex jagħmel hekk. Apparti li jirreferi għal xi ġurisprudenza dwar il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, jirreferi wkoll għall-Artikolu 47(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u li skont l-appellant dan l-artikolu jistabbilixxi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala l-uniku *forum* li fih jistgħu jiġu deċiżi kwistjonijiet dwar titolu ta' proprjetà. Jargumenta li l-għan wara t-twaqqif tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kien biss li jiddetermina kwistjonijiet ta' natura teknika u dawk marbuta ma' prattiċi amministrattivi, u f'dan ir-rigward

jagħmel referenza għal dibattitu Parlamentari partikolari dwar it-twaqqif ta' dan it-Tribunal. Skont l-appellant, minn dan kollu jirriżulta li kwistjonijiet purament legali baqgħu fil-kompetenza tal-Qrati Ċivili u għalhekk dawn il-proċeduri kellhom jitmexxew indipendentement minn dak deċiż mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva;

23. Identifikati l-ilmenti ewlenin tal-appellant b'rabta mat-tieni aggravju, din il-Qorti tqis li qabel xejn għandha tibda biex tindirizza l-argument tal-appellant li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mhuwiex kompetenti *ratione materiae* sabiex jeżamina kwistjonijiet relatati ma' titolu ta' proprjetà;

24. Kif tgħid tajjeb l-Awtorità appellata, fl-argumenti tiegħu, l-appellant qiegħed konvenjentement jiskarta diversi ġrajjiet importanti fosthom dawk b'rabta ma' dak li ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-11 ta' Mejju, 2022. Minn qari tal-konsiderazzjonijiet ta' dik is-sentenza, jidher li f'dak l-appell, dik il-Qorti diġà ddeċidiet dwar din il-preġudizzjali tal-appellant, u ċjoè dwar jekk it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwiex kompetenti li jiddeċiedi dwar kwistjonijiet marbuta ma' titolu ta' proprjetà;[8]

[8] Ara paragrafu 12 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fol. 201A.

25. Li żgur, l-appellant ma jistax b'xi mod jew ieħor jargumenta li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ma tiswiex. Kwistjonijiet marbuta ma' kompetenza ta' Tribunal huwa punt ta' dritt, u ġaladarba l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabet li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma qabiżx mill-parametri tal-kompetenza tiegħu, allura l-appellant kien obbligat li joqgħod għal dak il-ġudizzju u mhux jerġa' jtenni l-istess preġudizzjali f'dan l-aggravju;

26. Filwaqt li dan huwa biżżejjed sabiex jiġu miċħuda l-argumenti tal-appellant dwar il-kompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, il-Qorti żżid tgħid li f'kull każ hija taqbel għalkollox mal-konsiderazzjonijiet li ġew magħmula mill-Ewwel Qorti f'paragrafi 37 sa 39 tas-sentenza appellata, u b'hekk tikkonferma li fi proċeduri mnedija fuq is-saħħa tal-Artikolu 12 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwa wkoll mogħni bil-kompetenza *ratione materiae* sabiex jiddetermina kwistjonijiet marbuta mat-titolu tal-proprjetà mertu ta' dawk il-proċeduri;

27. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-argumenti tal-appellant dwar l-elementi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat u b'mod speċifiku dwar ir-rekwiżit tal-*'eadem res',* il-Qorti titlaq biex tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Camilleri v. Lilian Mallia***,[9] u li fiha ntqal dan li ġej:

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, fil-5 ta' Ottubru 1998 – Vol LXXXII,(ii), i, p. 305.

*"Dwar l-identità tal-ħaġa mitluba bħal wieħed mir-rekwiżiti tal-ġudikat, hu paċifikament ammess li mhux neċessarju illi l-identità tkun assoluta u materjali imma tibbasta l-identità ġuridika.*

*Kriterju razzjonali biex f'kull każ jista' jingħad jekk u meta jkun hemm l-identità ta' l-oġġett bejn l-ewwel kawża disposta b'sentenza u t-tieni kawża opposta bl-eċċezzjoni tal-ġudikat hu dak li wieħed jeżamina jekk il-kwistjoni li tiġi sollevata bit-tieni domanda ġietx jew le deċiża bil-ġudikat preċedenti, fi kliem ieħor, jekk il-punt li jiġi diskuss fit-tieni kawża ġiex jew le ġudikat bis-sentenza ta' qabel jew jekk dik l-ewwel sentenza ħallitx dak il-punt impreġudikat.*

*Jekk bejn it-talbiet fit-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun jkun hemm kontradizzjoni u mpossibilità ta' koeżistenza, allura jirrikorri dan ir-rekwiżit tal-ġudikat u ċioe l-identità tal-oġġett"*

28. Fuq l-istess ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Rabat Construction Limited v. Cutajar Construction Limited***[10] ġie wkoll osservat li:

*"mill-interpretazzjoni li jagħtu d-diversi awturi ta' kif għandha tiġi determinata l-identità ta' l-oġġett jidher illi l-aħjar mod hu li teżamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attriċi ġietx jew le deċiża minn sentenza li tkun għaddiet in ġudikat. Illi għalhekk, wieħed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet ġewx determinati mis-sentenza l-oħra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun ġiet diskussa u deċiża, allura jkun hemm l-identità ta' l-oġġett."*;

29. Ikkonsidrat dan kollu fid-dawl tal-kontenut tar-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża, kif ukoll fid-dawl ta' dak kollu li ntqal fis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), din il-Qorti ma tarax li l-appellant jista' b'xi mod jew ieħor jargumenta li r-rekwiżit tal-*eadem res* ma ġiex sodisfatt;

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar 2002 (Ċit. Nru. 1209/00RCP). Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Helen sive Eileen Borg v. Bank of Valletta p.l.c.,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju 2001 (Ċit. Nru. 1753/00JRM).

30. Minn ħarsa lejn ir-rikors maħluf jirriżulta li l-punt li l-appellant qed jitlob li jiġi deċiż f'din il-kawża diġà ġie dibattut minnu u deċiż kemm fis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Kemm hu hekk, mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) jirriżulta ċar daqs il-kristall li wieħed mill-aggravji ewlenin li ressaq l-appellant mis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kien propju dak dwar il-konklużjoni tat-Tribunal li l-Gvern ta' Malta għandu titolu fuq l-istess fond mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan l-aggravju ġie miċħud u għaldaqstant bis-sentenza tal-11 ta' Mejju, 2022, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ikkonfermat li l-appartament mertu ta' dik il-kawża, u li huwa l-istess appartament mertu ta' din il-kawża, huwa fil-fatt proprjetà tal-Gvern ta' Malta. Barra minn hekk f'dawk il-proċeduri ġiet miċħuda wkoll kull pretensjoni tal-appellant li l-Awtorità tad-Djar m'għandhiex il-jedd li tiżgumbrah fuq is-saħħa tal-Artikolu 9(1)(a) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kwistjoni kollha li ġiet imqajma f'din il-kawża ġiet għalhekk riżolta fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 3/2021CG, u b'hekk l-element ta' *eadem res* ma setax ma jiġix meqjus sodisfatt;

31. L-istess jingħad għall-element ta' *eadem causa petendi.* Minn eżerċizzju komparattiv li l-Qorti għamlet bejn il-kontenut tar-rikors maħluf li bih inbdiet din l-kawża, u l-kontenut tar-rikors li bih ġew imnedija l-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amminstrattiva, il-Qorti

jirriżultalha li f'dan il-każ il-proċeduri mhux biss huma dwar l-istess fond u ċjoè l-appartament bl-indirizz *'Block 2, Flat 2, Triq Sant Andrija, Valletta',* iżda wkoll ġew instigati mill-istess ħaġa u ċjoè mid-deċiżjoni tal-Awtorità tad-Djar li ġiet ikkomunikata lill-appellant permezz tal-ittra uffiċjali bin-numru 34/2021 u li fiha l-appellant ġie ordnat sabiex jiżgombra mill-appartament mertu tal-proċeduri u dan għar-raġuni li qed jokkupa l-appartament mingħajr l-ebda titolu validu fil-liġi.[11] Irrispettivament minn kull argument dwar fuq liema dispost tal-liġi nbdew dawn il-proċeduri, jibqa' xorta waħda l-fatt li l-għejun li minnu nstiltu dawn il-proċeduri huwa l-istess wieħed tal-proċeduri bin-numru 3/2021CG;

32. Hekk ukoll jgħodd għat-talbiet li ġew imressqa f'din il-kawża u fil-proċeduri bin-numru 3/2021CG. Għalkemm l-appellant qed jipprova jgħatti x-xemx bl-għarbiel u jargumenta li f'dawn il-proċeduri t-talba hija differenti għaliex hawnhekk qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-Awtorità appellata m'għandhiex titolu fuq il-proprjetà mertu tal-kawża, fl-aħħar mill-aħħar dak li jgħodd għall-finijiet tal-element ta' *eadem causa petendi* mhuwiex li t-talbiet ikunu l-istess kelma b'kelma iżda li t-talbiet ikunu bbażati fuq l-istess fatti u l-punt kontrovers ikun l-istess. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ta': ***Adrian Busietta noe. v. Marco Attard noe.***, deċiża minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2001;[12] ***Alfred Brown et. v. Androxa Furniture Limited***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-14 ta'

[11] Fol. 4.
[12] App. Ċiv. Nru 1551/92/1.

Diċembru 2006;[13] u ***Carmelo sive Nenu D'Amato et v. Carmelo Camilleri**,* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Jannar, 2002[14]). Meta tagħsar kollox, il-punt kontrovers f'dawn il-proċeduri kif ukoll fil-proċeduri bin-numru 3/2021CG huwa dwar jekk l-Awtorità tad-Djar għandhiex il-jedd li tordna lill-appellant jitlaq 'il barra mill-appartament li qed jokkupa, u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha raġun li ssib li din l-azzjoni hija milquta bil-ġudikat maħluq bis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, mogħtija fid-19 ta' Lulju 2021, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-11 ta' Mejju 2022;

33. It-tieni aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud fis-sħiħ;

34. Fit-**tielet aggravju** l-appellant imbagħad jgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta ma qisitx li l-Awtorità appellata qed tippreġudika l-jeddijiet tas-sidien vera tal-proprjetà li qed jgħammar fiha, u dan għaliex fi kliemu, l-Awtorità qed titħalla teżegwixxi deċiżjonijiet li jolqtu l-jeddijiet ta' dawk is-sidien terzi li mhumiex parti fil-kawża;

35. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa fieragħ. Ġaladarba l-Qorti għadha kif sabet li l-Ewwel Qorti kellha raġun tiddeċiedi li l-azzjoni tal-appellant hija milquta b'ġudikat, allura jrid jew ma jridx l-appellant għandu joqgħod għal dak li ġie deċiż fis-sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni

[13] App Ċiv. Nru. 1866/2004/1.
[14] Ċit. Nru. 1880/00JRM, (mhux appellata).

Amministrattiva, mogħtija fid-19 ta' Lulju 2021, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-11 ta' Mejju 2022. Kemm it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kienu tal-fehma li l-proprjetà okkupata minnu hija tal-Gvern, u allura b'applikazzjoni tal-massima ta' *'res iudicata pro veritate habetur',* dik il-proprjetà hija meqjusa tal-Gvern u ta' ħadd aktar;

36. Fuq nota oħra, iżda wkoll b'rabta mat-tielet aggravju, il-Qorti żżid tgħid li ġaladarba l-Awtorità konvenuta qajmet l-eċċezzjoni tal-ġudikat, allura l-Ewwel Qorti kellha f'kull każ idejha marbuta u dan għaliex, apparti li dik l-eċċezzjoni hija ta' sura perentorja,[15] huwa wkoll ritenut li *"una volta li parti tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti, anke jekk biss indirettament u mhux f'forma ta' eċċezzjoni mogħtija formalment, li hemm sentenza oħra u preċedenti bejn il-partijiet fuq l-istess materja u fuq l-istess kawżali, l-ġudikant hu obbligat li jinvesti l-kwistjoni"*.[16] It-tielet aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud;

---

[15] Ara f'dan is-sens ***Sunspot Tours Limited v. C.H, Caterers Limited,*** deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Diċembru 2003 (App. Ċiv. Nru. 1921/1995/1).

[16] Estratt meħud mis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Vincent Cilia v. L-Onorevoli Prim Ministru et.***, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar, 2005 (App.Ċiv. Nru. 656/1998/1). F'dik il-parti tas-sentenza saret ukoll referenza għas-sentenzi fl-ismijiet ta': ***Nutar Oscar Azzopardi v. Gerald Cuschieri,*** Prim'Awla, 19 ta' Diċembru 1950 (Kollezz. Vol. XXXIV.ii.725); ***Pawlina Zammit pro et noe v. Gerald Zammit*** Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 1954 (Kollezz. Vol. XXXVIII.ii.533); ***Assunta Cassar v. Avukat Dott. Carmelo Zammit noe*** Qorti tal-Appell, 4 ta' Novembru 1955 (Kollezz. Vol. XXXIX.i.282); ***Giuseppe Mallia v. Carmelo Giordimaina*** Prim'Awla, 11 ta' Novembru 1957 (Kollezz. Vol. XLI.ii.1163); ***Toni Pellegrini v. Maurice Abela et noe*** Qorti Kostituzzjonali, 9 ta' Marzu 1967).

37. Fir-**<u>raba' aggravju</u>**, l-attur appellant imbagħad jilmenta mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam mad-digriet kamerali tal-5 ta' Awwissu, 2022,[17] u li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz ta' dokument li ġie mehmuż mill-appellant flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu u dan wara l-għeluq tal-istadju tal-provi. L-appellant jgħid li dan id-dokument kien kopja informali ta' petizzjoni li saret fil-Parlament għan-nom ta' persuni li kienu qed jokkupaw proprjetà b'*'recognition rent'*. Fuq ir-raġuni li dawn id-dokumenti huma atti tal-Parlament u huma fid-dominju pubbliku, l-appellant jargumenta li huwa hemeż dan id-dokument sempliċiment għall-fini ta' ħeffa ta' referenza u li l-Ewwel Qorti setgħet tieħu *'judicial cognisance'* tagħhom u b'hekk ma kellhiex għalfejn tordna l-isfilz tagħhom;

38. Il-Qorti tqis li lanqas dan l-aggravju ma huwa tajjeb. Id-dokument imsemmi mhuwiex att tal-Qorti li huwa meqjus fil-pussess tal-Qorti, u għalhekk il-Qorti ma taqbilx li l-Ewwel Qorti setgħet tieħu *'judicial notice'* ta' dak id-dokument. Ġaladarba li l-appellant ippreżenta dak id-dokument wara l-għeluq tal-provi, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, u fuq l-oppożizzjoni tal-kontro-parti, allura ma hemm l-ebda raġuni għalfejn id-digriet tal-Ewwel Qorti għandu jiġi ċensurat. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Jeremy S. Harris noe. v. Dr. Patrick Spiteri et***,

[17] Fol. 225-226.

deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju 2022)*.*[18] Ir-raba' aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud ukoll;

39. Il-**<u>ħames aggravju</u>** huwa mbagħad dwar dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li fiha l-appellant ġie kkundannat iħallas tmien mitt ewro (€800) bħala spejjeż addizzjonali. Dwar dan, l-appellant jissottometti li ma jeżistux iċ-ċirkustanzi maħsuba fil-liġi biex l-Ewwel Qorti setgħet tqis il-kawża bħala vessatorja u tikkundannah iħallas dawn l-ispejjeż. Jgħid ukoll li mill-mod ta' kif ġab ruħu fil-kawża, l-Ewwel Qorti kellu jirriżultalha li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li jaħlilha ħinha;

40. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju, u dan għal għadd ta' raġunijiet. L-ewwel nett, u sa fejn l-appellant qed jgħid li ma jeżistux iċ-ċirkustanzi maħsuba fil-liġi sabiex l-Ewwel Qorti setgħet tikkundannah iħallas spejjeż addizzjonali, il-Qorti titlaq biex tirreferi għall-paragrafu 10 ta' Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tosserva li ċ-ċirkustanzi ewlenin sabiex il-Qorti tkun tista' tikkundanna lill-parti sabiex tħallas spejjeż addizzjonali lir-Reġistratur tal-Qrati, huma li l-Qorti jkun jidhrilha li: "*l-att tal-proċedura li bih inbdiet il-kawża jew l-att tal-proċedura b'risposta kienu fiergħa jew vessatorji, jew li xi waħda mill-partijiet tkun tawlet il-proċeduri mingħajr bżonn".* Fl-aħħar paragrafu tad-*decide,* l-Ewwel Qorti għamlitha ċara ħafna li hija kienet qed tikkundanna lill-attur

[18] App. Ċiv. Nru. 1099/03/1.

sabiex iħallas spejjeż addizzjonali għaliex "*ir-rikors maħluf ippreżentat minnu huwa att għalkollox fieragħ u vessatorju".* Bla dubju ta' xejn, din ir-raġuni taqa' f'waħda miċ-ċirkustanzi mniżżla fil-paragrafu 10 ta' Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant ma jistax jingħad li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex imsejsa fuq il-liġi;

41. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-kwistjoni dwar jekk l-Ewwel Qorti għamlitx sewwa li qieset l-azzjoni tal-attur bħala waħda frivola u vessatorja, il-Qorti hija tal-fehma li deċiżjoni bħal din hija ta' natura diskrezzjonali u sakemm ma jirriżultax li ma kien hemm l-ebda bażi raġjonevoli għalfejn l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi hekk, allura dik il-fehma tal-Ewwel Qorti m'għandhiex tiġi mittiefsa. F'dan il-każ, il-Qorti hija sodisfatta bir-raġunijiet li ġew mogħtija mill-Ewwel Qorti dwar għalfejn qieset il-proċeduri tal-attur bħala frivoli u vessatorji u żżid tgħid li taqbel għalkollox magħhom. Il-Qorti tinnota wkoll li l-ammont iffissat mill-Ewwel Qorti huwa qrib ħafna tal-minimu li seta' jiġi mpost minnha, u fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ il-Qorti ma tqisx li l-ammont ta' €800 bħala rraġonevoli. Fid-dawl ta' dan, l-aħħar aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud;

42. Fuq nota aħħarija, billi l-Qorti taqbel mal-Awtorità appellata li dan l-appell huwa fieragħ u ġie magħmul biex l-appellant jirbaħ iż-żmien, il-Qorti ser tkun qed tipprovdi dwar dan fil-kap tal-ispejjeż.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur u b'hekk tikkonferma għalkollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Settembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

L-ispejjeż kollha marbuta mal-appell għandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur appellant, u billi l-Qorti hija tal-fehma li l-appell huwa fieragħ u maħsub biex itawwal iż-żmien, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm